# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 1093

KAZ NRU. 1309

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Marie Haidon

u

Socjeta' Maltija tas-Salib l-Ahmar

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 26 ta' Jannar 2000

**Chairman : Is-Sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali fis-27 ta' Jannar 1999 b'riferenza MSP/TI/11/99 biex dan it-Tribunal jiddecidi dwar tkeccija allegata ingusta skond l-Artikolu 28(2) tal-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta u dana wara ittra mibghuta lill-Onorevoli Ministru f'isem Marie Haidon datata 26 ta' Jannar 1999.

L-Appellanti Marie Haidon kienet assistita mill-Avukat Toni Abela u mis-sitt seduta 'l quddiem mill-Avukatessa Irene Bonello waqt li s-Socjeta' Appellata kienet rappresentatata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

It-Tribunal ghamel is-solitu appell lill-partijiet biex forsi jintlehaq ftehim qabel ma jinstema' l-kaz. Dana il-ftehim ma intlehaqx. Inzammu seba' seduti.

## 2. Fatti tal-kaz

L-Appellanti stqarret illi l-impieg taghha bhala *Administrator* mas-Socjeta' Appellata gie terminat fit-13 ta' Ottubru 1998 meta giet infurmata li l-istess post li kienet tokkupa gie abolit. Hija tirritjeni li r-raguni moghtija mis-Socjeta' Appellata kienet skuza. Barra minn hekk kien hemm persuna ohra impjegata warajha li messa kienet hi li giet licenzjata fuq bazi ta' *first in last out*. Ghaldaqstant hija tghid li l-impieg taghha ma kienx terminat ghal raguni sufficjenti u gusta.

Is-Socjeta' Appellata tirritjeni li t-terminazzjoni tal-impieg kien konsegwenza ta' rijorganizzazzjoni fejn ix-xoghol li kienet taghmel l-Appellanti gie assorbit ma' dak tas-Segretarju Generali li qed jahdem *full time* u ghalhekk l-post okkupat minnha gie abolit.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal ha bl-ikbar serjeta' allegazzjoni tal-Appellanti li kien hemm diskriminazzjoni politika ghad-dannu taghha meta giet licenzjata. Ghad li hemm mill-inqas sede ohra kompetenti biex tistharreg din l-allegazzjoni t-Tribunal deherlu li din l-allegazzjoni kienet timpingi fuq il-kaz u ghalhekk kienet serja bizzejjed biex jara almenu *prima facie* kienx hemm bazi ghaliha. L-Appellanti qalet li hija kienet giet impjegata fuq rakkomandazzjoni ta' ex-Ministru Laburista li tieghu kienet segretarja voluntiera. Qabel l-elezzjoni tal-1998 kellha xi incident zghir fejn waqt il-qadi ta' dmirijietha ordnat lil xi voluntier biex jattendi fil-funzjoni tieghu ta' *First Aider* ghal *meeting* politiku u dana rrifjuta peress li kien, skond hi, ta' kulur oppost. Izda kollox kien irrangat. Hija qalet ukoll li minn dakinhar kellha "naqra ghajnejn koroh" fuqha. Il-fatt li l-licenzjament taghha sar ftit gimghat wara l-elezzjoni fejn kien hemm bidla tal-Gvern taha x'tifhem illi fil-fatt dan sar minhabba l-politika.

It-Tribunal gharbel sewwa x-xhieda tas-Segretarju Generali u tal-istess Appellanti biex jara hemmx lok li dak li allegat l-Appellanti kienx almenu *prima facie* minnu. Huwa principju accettat illi l-piz tal-prova jaqa' fuq min jallega. Ghaldaqstant kien jinkombi fuq l-Appellanti li tipprova b'mod definit l-allegazzjoni serja ta' diskriminazzjoni politika. Fl-opinjoni tat-Tribunal dana l-Appelanti ma rnexxiliex taghmlu ghaliex ghad li l-licenzjament taghha sar ftit gimghat wara l-elezzjoni ma jidhirx illi dan kellu xi effett fuq il-licenzjament eventwali taghha. Hija qalet testwalment fix-xhieda taghha illi "l-interpretazzjoni tieghi ibbazatha fuq li rajt, harsa ta' bniedem kif jaghtihilek, kif kien ikellmek qabel u kif qed ikellmek issa". Oggettivament ma tistax

tissostanzja akkuza serja ta' dat-tip fuq interpretazzjoni soggettiva bhal din. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jarax li hemm *prima facie* bazi ghall-allegazzjoni hekk serja.

Imbaghad it-Tribunal ghadda biex jikkonsidra l-abolizzjoni tal-post okkupat mill-Appellanti. Li kellu jara t-Tribunal kien jekk il-licenzjament kienx bhala *abolishment of post* jew *redundancy* u jekk dan ta' l-ahhar inkisirx il-principju ta' *first in last out*. Ghad li n-numru ta' impjegati tas-Socjeta' Appellata kien wiehed zghir hafna il-kwistjoni kienet komplessa peress illi fost il-ftit impjegati kien hemm min huwa mpjegat direttament, min huwa sekondat mill-Gvern kif ukoll voluntiera. Kien hemm ukoll l-impjieg ta' Segretarju Generali minn barra.

Meta gie impjegat is-Segretarju Generali wara li dak precedenti li kien sekondat mill-Gvern halla l-post, l-Appellanti li kienet taf li kien hemm vakanza ghal dan il-post ma kienitx applikat. Sussegwentement kien gie mahtur is-Sur Joseph Saliba li kien l-ewwel Segretarju appuntat *ad hoc* skond il-prassi tar-*Red Cross International*. Bil-hatra tas-Sur Saliba jidher li saret ri-organizzazzjoni tax-xoghol u peress li l-Appellanti kienet taghmel xi xoghol li seta' kien *overlapping* mad-doveri tas-Segretarju Generali gie deciz illi l-post li kienet tokkupa jigi abolit.

Quddiemu t-Tribunal kellu kwistjoni, kif ga inghad, jekk il-licenzjament tal-Appellanti kienx rizultat ta' *abolishment of post* jew *redundancy*. Dawn fil-fatt huma zewg fatturi distinti minn xulxin ghad li jista jkollhom l-istess effett, it-terminazzjoni tal-impieg. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal l-*abolishment of post* jista jkun effett ta' ristrutturazzjoni tal-azjenda jew ghal raguni ta' ekonomija, jew kawza ta' tibdil fin-natura tal-azjenda, jew f'xi kazi ta' amalgamazzjoni, jew ghal ragunijiet simili. Ir-*redundancy* mill-banda l-ohra hija effett ta' nuqqas fin-numru ta' impjegati kawza ta' xi ragunijiet li hafna minnhom jista jkunu simili ghal ezempju ta' qabel izda generalment minhabba f'*rentrenchment* jew minhabba peggjorament serju finanzjarju. Izda ir-rimedju disponibbli ghal min ikun safa' vittma tal-azzjoni mehudha mill-principal huwa differenti fiz-zewg kazi. Fil-kaz li l-impieg ikun spicca ghaliex il-post tax-xoghol ikun abolit l-impjegat ma tantx ikollu rimedju hlief ghal dak kollu li timponi l-ligi, jew jekk ikun hemm ftehim kollettiv, bhal ma huma *notice money*, etc. It-Tribunal Industrijali diversament ippresjedut kemm il-darba stqarr li azjenda ghandha d-dritt, anzi d-dover, li tirristruttura ruha biex tippreserva l-investiment taghha, jew biex tipproteggi impiegi jew biex tiddiversifika, jew biex tilqa ghal-tibdil fl-ambjent ekonomiku, industrijali jew kummercjali. Ghaldaqstant ghandha l-fakolta ghal raguni valida li tabolixxi xi post ta' impieg. Ghal dak li jirrigwarda r-*redundancy* azjenda ghandha d-drtitt li taghmel dan u l-istess Ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali mhux biss issemmi dan izda tiddikjara li t-Tribunal Industrijali mhux kompetenti li jidhol f'kazi bhal dawn. Differenza ohra li tezizti bejn iz-zewg kazi huwa dak tar-*re-instatement* f'kaz li l-impieg isir ottjenibbli fi zmien sena mid-dikjarazzjoni ta' *redundancy,* haga li ma nsibuhiex ovvjament f'kaz li post jigi dikjarat abolit.

Fil-kaz odjern it-Tribunal irid jara jekk it-tezi tas-Socjeta' Appellata li l-post li kienet tokkupa l-Appellanti kienx abolit, jew jekk hi gietx dikjaratha *redundant*. L-opinjoni tat-Tribunal bazata fuq ix-xhieda u d-dokumenti prezentati u wara li sema' t-trattazzjoni taz-zewg partijiet hija li l-post okkupat mill-Appellanti safa' abolit. Dana sar b'rizultat ta' riorganizzazzjoni li twettqet meta s-Segretarju Generali l-gdid assuma d-doveri ezekuttivi tieghu u fassal il-politika amministrattiva tas-Socjeta'. Fost l-affarijiet ohra huwa assuma xi doveri li qabel kienet twettaq l-Appellanti u r-riorganizzazzjoni ta' doveri li saret wara irrizultat fl-abolizzjoni tal-post okkupat mill-Appellanti.

It-Tribunal ihoss li l-process ta' riorganizzazjoni seta' sar b'mod ahjar li forsi kien jirrizulta filli l-Appellanti tinzamm anke f'xi pozizzjoni ohra b'doveri differenti peress li kien jidher li l-operat taghha kien pjuttost posittiv u fil-fatt gie imfahhar anke mill-President tas-Socjeta' Appellata f'xi okkazjoni socjali. Izda din hija biss opinjoni li t-Tribunal ma jistax jimponiha.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti kien rizultat ta' abolizzjoni tal-post okkupat minnha u ghaldaqstant ma jsibx li giet illicenzjata ghal raguni li mhix gusta jew valida.

It-Tribunal jaghmel rakkomandazzjoni, u dan huwa biss suggeriment u xejn iktar, li minhabba n-natura tal-kaz u t-tul tas-smiegh tieghu, liema tul ma kienx tort tas-Socjeta' Appellata u wisq inqas tat-Tribunal, is-Socjeta' Maltija tas-Salib l-Ahmar tikkonsidra l-ingagg mill-gdid tal-Appellanti jekk sa zmien sena mill-lum ikun hemm disponibbli impieg li ghalih ikollha l-kwalifiki necessarji.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta'min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed, li fil-kaz tal-Appellanti irid jinqasam bejn iz-zewg avukati li rrapprezentawha.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja